Malta Competition and Consumer Affairs Authority

# AVVIŻ TA' TWISSIJA PUBBLIKA MAĦRUĠA MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI) FI ĦDAN L-AWTORITA' TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

3 ta' Awwissu 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifika u tgħarraf lill-Pubbliku li n-negozju segwenti:

## Patrick Grech – P&S Woodworks

kien is-suġġett ta' żewġ deċiżjonijiet tat-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi, liema deċiżjonijiet it-tnejn li huma baqgħu ma ġewx onorati, minkejja li saru diversi tentattivi sabiex tiġi żgurata l-konformità magħhom.

Permezz tal-ewwel deċiżjoni, in-negozjant ġie ordnat iħallas lill-konsumaturi s-somma ta' elfejn u mitejn u disgħa u tmenin ewro u sebgħin ċenteżmu (€2,289.70), li tirrappreżenta l-valur tax-xogħol tal-injam li ma tlestiex fir-residenza tal-konsumaturi u spejjeż oħra sostnuti minnhom. Permezz ta' deċiżjoni oħra, in-negozjant ġie ordnat iħallas lill-konsumaturi s-somma addizzjonali ta' tlett elef u ħames mija u ħamsin ewro (€3,550). L-ammont totali mogħti taħt dawn id-deċiżjonijiet għalhekk jammonta għal ħamest elef, tmien mija u disgħa u tletin ewro u sebgħin ċenteżmu (€5,839.70). It-Tribunal ordna wkoll li l-ispejjeż jiġu a karigu tan-negozjant skont il-liġi.

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-avviż ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjonijiet tat-Tribunal imsemmija hawn fuq.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)